Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris. (Eur. Law)

Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)
(Spettur Neville Xuereb)
vs
Giuma Mohammed E. Gali

Illum 27 ta’ Dicembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Giuma Mohammed E. Gali, bin Mohammed u Fatima, imwieled il-Libja fl-1 ta’ April, 1956 u detentur tal-passaport numru 578041 li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fl-10 ta’ Awissu 2001 mal-wasla tieghu fil-Mitjar Internazzjonali ta’ Malta, mat-titjira KM697 minn Tripoli, xjentement naqas li jiddikjara lill-Ufficjali tad-Dwana billi ghadda mill-Green Channel b’holdall li kien fiha wiehed u

sittin (61) mobile phones kompluti bil-battery charges, kollha tal-marka Philips;

Illi l-importazzjoni ta' l-oggetti hawn fuq imsemmija hija projbita u jew ristretta. Dawn ghandhom valur totali ta' LM1220 u dazju ta' LM79.30 dazzju LM79.30 valur totali LM1299.30 u li fuqu kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud ta' LM194.89 liema taxxa ma gietx imhallsa jew kawtelata, liema dazju ma giex imhallsa u jew kawtelat.

Illi dan bi ksur ta' l-Artikoli 60 (a) (b) (c) (k) u 62 (a) (c) (f) (g) (h) (i) (k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, kif ukoll bi ksur ta' l-Avviz Legali numru 44/82 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 80 Att dawar Taxxa fuq il-valur mizjud (Att Nru. XXIII ta' 1998);

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra l-piena stabbilita mil-Ligi tiddikjara lill-persuna imsemmija bhala immigrant ipprojbit, tohrog ordni ta' tnehhija kontra tieghu skond l-Artikolu 19 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi rat il-'letter to prosecute' tal-Agent Kontrollur tad-Dwana tal-10 ta' Awissu, 2001, kif ukoll il-letter to prosecute tal-Kummissarju tal-VAT datata 20 ta' Awissu, 2001;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dan waqt is-seduta tad-29 ta’ Novembru, 2001;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Ikkunsidrat :

Illi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu il-Qorti issib lill-imputat fuq imsemmi <u>hati</u> tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti u kif migjuba kontra tieghu u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 60 u 62 tal-Kapitolu 37, l-Avviz Legali 44 ta’ l-1982 u l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikoli 17 (g) u l-Artikolu 14 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tikkundanna lill-imputat misjub **hati** tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu ghal

prigunerija ta’ erba’ xhur illi minnha ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv ghall-multa ta’ elfejn, seba’ mija u erbatax il-lira u dsatax il-centezmu (LM2,714.19c).

Il-Qorti tordna lill-hati sabiex ihallas din is-somma fi zmien tlett xhur millum u fin-nuqqas ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 14 tal-Kap. 9.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 9 ma japplikax ghall-kaz odjern peress illi fil-kaz odjern gie applikat il-paragrafu (g) tal-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti kollha maqbuda mill-Prosekuzzjoni favur il-Gvern ta’ Malta.

Finalment il-Qorti wara li rat ukoll l-Artikolu 15 u l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara lill-hati bhala immigrant ipprojbit u tordna t-tkeccija tieghu minn dawn il-gzejjer wara li jkun hallas il-multa fuq imsemmija.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur